## 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 45

**It-Tnejn, 24 ta' Jannar 2022**

Il-Laqgħa numru 45 saret b'mod virtwali u kif ukoll mill-bini Amministrattiv tal-Kunsill fl-24 ta' Jannar 2022 fis-6:30 ta'filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku (b'mod virtwali) |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier (b'mod virtwali) |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier (b'mod virtwali) |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier (b'mod virtwali) |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**: Ħadd

**ASSENTI:** Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Michael Mifsud — Deputat Segretarju Eżekuttiv (b'mod virtwali)

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 45.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill li ma kiex hemm ittri t'apoloġiji

## 45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

### 45.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tal-45 laqgħa ġew approvati unanimament.

## 45.2.2 Korrezzjonijiet

**45.2.2.1** – Minuti 44.5 - wara "Triq Adelaide Cini" tiżdied "Triq Ġuża Pace"
**45.2.2.2** – Minuti 44.6.1 - il-kelma " Din" issir "Dun"
**45.2.2.3** - Minuta 44.6.1 - il-kelma "hem" issir "hemm"
**45.2.2.4** - Minuta 44.7 - tiżdied " F'dan il-mument daħal Dott. Darren Carabott".

## 45.3 Punti mqajjma mill-minuti

**45.3.1** Minuta 44.3.1 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill bgħat imejl lill-Sportsmalta sabiex jibgħatulna lista ta' għalliema taż-Żumba sabiex isiru kuntatt magħhom sabiex il-Kunsill iġib il-kwotazzjonijiet neċessarji u tingħażel l-irħas waħda.

**45.3.2** Minuta 44.4.1 - Is-Sindku nforma lill-membri li reġgħat ħarget is-sejħa għall-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv. Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex isir riklam fuq facebook u fuq "Keep me Posted", fejn il-kunsill alloka €100.

**45.3.3** Minuti 44.6.1 – Is-Sindku informa lill-membri li ser issir on-site meeting fl-ewwel ġimgħa ta' Frar u wara jkun jista' jiskatta t-trsferiment ta' CCTV.

## 45.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**45.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li hemm pjanat sabiex fi Triq il-Ferrovija kantuniera ma Trejqa Fleur de Lys, isir proġett kbir flok il-bini tal-GO plc. Huwa qal li l-Kunsill ma rċieva l-ebda komunikat minghand l-Awtorita' tal-Ippjanar minħabba l-fatt li l-bieb principali jiġi ġol-konfini ta' B'Kara. Wara diskussjoni il-membri qablu b'mod unanimu sabiex l-Kunsill jiddiskuti dan il-proġett (PC00079/21) kemm mal-Kunsill ta' B'Kara u mal-perit tal-Kunsill.

**45.4.2** Is-Sindku informa lill-membri dwar is-siġra tal-Milied li tkun armata fi Triq Dun Alfred Gatt. Huwa ssuġġerixxa sabiex isir MOU mal-familja Galea (waħda mill-organizzaturi tat-tiżjin ta' din it-triq) sabiex is-siġra tkun tista' tinżamm mill-istess familja. Dan l-istess MOU ser ikun diskuss mal-avukat tal-Kunsill.

## 45.5 Rapporti / Korrispondenza

**45.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni mingħand *Malta Marathon Organising Committee* fejn qed jitolbu *No Objection* għall-Malta Marathon li ser issir il-Ħadd 6 ta' Marzu 2022. Wara diskussjoni il-Membri qablu unanimament.

**45.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is Sur Herd fejn dan qed jitlob il-permess mingħand il-Kunsill sabiex titħawwel siġra kommemorattiva fi Ġnien Romeo Romano sabiex tfakkar il-mewt ta' xi ħadd tal-istess familja. Il-Membri qablu unanimament dwar dan.

**45.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-BOV bgħatu ittra sabiex jiġu nstallati bollards mad-dawra tal-Head Office tal-BOV sabiex ikun hemm aktar sigurta' għall-bank. Il-Membri

qablu unanimament basta jkun hemm l-awtorizzazjoni ta' Transport Malta. Is-Sur Silvio Vella ssuġġerixxa sabiex nitolbu l-bank biex jiffinanzjaw ukoll l-arblu tal-festa li hemm u jsiru tal-fibre. Il-membri qablu wkoll ma' din il-proposta.

**45.6.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-Girl Guides bgħatu korrispondenza lill-Kunsill minħabba l-fatt li m'għandhomx minn fejn joperaw. Wara diskussjoni is-Sindku informa lill-membri li din il-korrispondenza għandha tintbgħat lil Aġenzija Żgħażagħ għal possibilta ta' għajnuna.

.

**45.6.5** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza sabiex fi Triq il-Kanonku Bonnici jittieħdu żewġ parking bays u jsiru loading / unloading sabiex il-kuntrattur li qed jibni jkun f'pożizzjoni li jkun jista' jdaħħal u joħroġ l-inġenji. Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex issir kaxxa safra minflok li iżda trid tkun bil-ħinijiet sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jibqgħu jipparkjaw wara l-ħinijiet tax-xogħol.

**45.6.6** Is-Sindku informa lill-membri li sabiex il-Kunsill b'kollaborazzjoni ma' Santa Venera Lightnings jinvesti f'website interattiva sabiex nippromovu aktar l-isports. L-ispiża ta' din hi ta' €600. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel dwar din il-proposta u kien hemm qbil ukoll sabiex dan ikun fuq medda ta' sitt snin, bil-fee titħallas darba.

**45.6.7** Is-Sindku informa l-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-HSFP li qed ikunu organizzati korsijiet dwar *Health and Safety, and Fire Prevention* għar-residenti. Dan il-kors jista jsir fil-bini tal-Kunsill. Il-kors ikun ta' sagħtejn u jiswa €50 għal kull persuna fejn wara l-parteċipanti jieħdu lura €40 voucher fejn ikunu jistgħu jixtru apparat relatat mas-Saħħa u sigurta'.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament sabiex dan jiġi organizzat għall-ewwel għoxrin persuna li jkunu applikaw.

**45.6.8** Is-Sindku informa lill-membri li wasal biex joħroġ it-tender tal-accountant tal-Kunsill. Huwa ppropona sabiex is-Sa Leanne Deguara u s-Sa Naomi Baldacchino jkunu l-opening staff tat-tender kemm dan u l-oħrajn li waslu biex joħorġu filwat li fuq il-bord tal-aġġudikazzjoni jkun hemm Dott. Darren Carabott, is-Sur Gianluca Falzon u membru mill-Pubblicu jkun Chris Falzon persuna li ħadem f'Kunsill Lokali tal-Qrendi u għandu l-esperjenza fuq it-tenders.

Il-Membri qablu unanimament.

**45.6.9** Is-Sindku rrifera għal korrispondenza mibgħutha mill-Assoċjazzjoni tan-Naħħala f'Malta dwar iffirmar ta' memorandum ta' ftehim dwar il-ħaxix selvaġġ. Wara diskussjoni, ġie nnutat li l-lokalita' tagħna ma tagħmilx parti minn żona rurali iżda inħasset il-ħtieġa sabiex jiġu mistiedna sabiex jidentifikaw xi żoni huma.

**45.6.10** Is-Sindku informa lill-membri dwar skema ta'attivitajiet kulturali. Huwa qal li għal sena oħra jipproponi sabiex terġa' issir l-attivita' tal-Milied Betlehem f'Santa Venera 2022.

Il-Membri qablu unanimament.

**45.6.11** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand żewġ persuni fejn dawn qed jitolbu l-Kunsill sabiex iħallas l-ispejjeż ta' ħsarat li ġarrbu xi vetturi fi Triq San Ġorġ u fi Triq il-Kanun. Dawn iż-żewġ persuni ppreżentaw ukoll rapport tal-pulizija u t-total tal-ispiża tammonta għal €240.

Il-Membri unanimament qablu sabiex il-Kunsill jagħmel tajjeb għal din l-ispiża.

**45.6.12** Is-Sindku informa lill-membri li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali dwar is-sistema tal-*online payment* għall-permessi sabiex wieħed ikun jista japplika direttament *on-line* sabiex japplikaw għall-permess. Dan l-arranġament ser jiġi jiswa €15 fix-xahar.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament sabiex din is-sistema tkun introdotta fil-Kunsill

**45.6.13** Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-skema li għada kemm tnediet mill-Ministeru tal-Amjent għall-Kunsilli Lokali bl-isem ta' *Urban Green Scheme 2022.* Huwa qal li hemm tlett kategoriji li l-Kunsill jista' japplika.

- Kategorija A: MAJOR GREEN INFRASTRUCTURE GRANT: 85% up to maximum of €300,000
- Kategorija B : MEDIUM PROJECTS GRANT: 85% up to maximum of €60,000
- Kategorija C :SMALL EMBELLISHMENT PROJECTS: 85% up to maximum of €12,000

Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill japplika għal Kategorija A minħabba l-proġett ta' Pjazza Franka. Dott Carabott qal ukoll li kien ser jitkellem mas-Sotto Kumitat tiegħu sabiex l-Kunsill ikun jista' japplika wkoll għal kategoriji oħra. Is-Sindku qabel u talab lil Dott Carabott sabiex jibgħat imejl lill-Kunsill fuq il-proġett sabiex l-istess proposta tiġi ċċirkolata mal-membri u jekk ma jkunx hem oġġezzjonijiet il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li japplika għal kategorija oħra wkoll.

Il-Membri qablu unanimament

## 45.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 45.6.1 *Performance Appraisal Reports*

**(a) Ħaddiema Klerikali tal-Kunsill**

Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju sabiex jippreżenta il-*bonus appraisal* tal-ħaddiema u wara li ġew analizzati u diskussi il-membri tal-Kunsill qablu kif ġej :

Is-Sa Leanne Deguara għandha tingħata l-ammont ta' 6%
Is-Sa Naomi Baldacchino għandha tingħata l-ammont ta' 6% (pro rata)
Is-Sur Jordan Grech għandu jingħata l-ammont ta' 4%

**(b) Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku pprezenta lill-membri *l-performance apprasial* tas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2021. Is-Sindku ppropona li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv għandu jingħata 10% dan minħabba l-ħidma kontinwa tiegħu sa minn meta kien assenjat ma' dan il-Kunsill.

Is-Sur Joseph Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal-Membri qablu unanimament.

### 45.6.2 Bulky Refuse

Is-Sindku talab lis-Sur Gorg Borg Anastasi sabiex jispjega fid-dettal fuq is-sistema inFORMana sabiex residenti jkunu jistgħu jibgħatu l-ilmenti u kif ukoll il-ġbir tal-iskart goff on-line. Is-Sur Borg qal din is-sistema tiswa €1 fix-xahar vat eskluża. Huwa qal li din is-sistema tkun kemm fuq il-website u kif ukoll tkun applikzzjoni fuq il-mowbajl sabiex ir-residenti jkunu jistghu jaċċessawha b'mod faċli. Hu għamel demonstrazzjoni ta'din is-sistema.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament sabiex il-Kunsill jaddotta din is-sistema sabiex tiffacilita' s-servizzi lejn ir-residenti.

## 45.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti u Petty Cash ġew diskussa, emendati u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sa Coutney Farruiga u Sekondant: Is-Sur Joseph Vella.

## 45.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati rapporti tal-laqgħat ta' kumitati jew sotto kumitati.

## 45.9 Ilmenti

**45.9** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 4.

| | |
|---|---|
| 4 | Jaqleb l-indirizz fuq il-garaxx |
| 6 | Intalbu r-ritratti |
| 8 | Ħaddiema Assenjati |
| 24 | Illegali |
| 26 | Ninfurmaw lill-Perit |
| 27 | Inġibu l-kwotazzjonijiet |
| 29 | Jingiebu l-firem mingħand ir-residenti |
| 36 | Ħaddiema Assenjati |

| | |
|---|---|
| 39 | Contracts Manager |
| 56 | Ħaddiema Assenjati |
| 57 | Ma tistax issir |
| 68 | Logografix |
| 75 | Intalbu r-ritratti |
| 79 | B. Grima & Sons |
| 83 | Micamed biex tiġi mċaqilqa |
| 1030 | Igibu l-permessi u mmexxu |
| 1031 | Ħaddiema Assenjati biex jitneħħa l-periklu |

Fuq ilment 67, fuq rakkomandazzjoni tal-Contracts Manager kien hemm qbil sabiex bozza W341 tiġi xxiftjata hekk kif propost.

## 45.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9.15pm u ġiet aġġornata għat-28 ta' Frar 2022 fil-5.30pm.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum 28 ta' Frar, 2022